## *AVVIŻI*

1. Żommu f'moħħkom:
   Nhar is-Sibt, 28 ta' Ottubru 2000, jaħbat ir-raba' Anniversarju tal-mewt ta' Ġuża Mifsud, fundatriċi tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ser tiġi ċċelebrata quddiesa b'suffraġju għal ruħha fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi, dak inhar stess fil-5.15 p.m.

2. Il-Laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd, 6 u 20 ta' Awissu 00, fis-6.30 p.m.
   Il-Ħadd, 3 ta' Settembru 00, fis-6.00 p.m.
   **Il-Ħadd 17 ta' Settembru 00, Assemblea Ġen. fil-5.00 p.m.**
   Il-Ħadd, 1 u 15 ta' Ottubru 00, fil-5.00 p.m.

3. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtulna rapport tal-grazzji li qalgħu. Naħsbu li għad hemm oħrajn li qalgħu grazzji u għadhom ma wasslulniex rapport. Jekk għandkom xi diffikultà biex tiktbu, agħtu isimkom, l-indirizz tagħhom u n-numru tat-telefon tagħkom lill-Editur ta' dan il-Fuljett jew għaddu l-informazzjoni li xi membru tal-Kumitat. L-indirizz ta' l-Editur hu:
   Brother Victor Privitera,
   Stella Maris College
   Gżira.

   Jekk ma tridux li jidher isimkom, dan ma jidhirx; imma aħna għandna bżonn id-dettalji tagħkom biex jibqgħu fid-dokumenti tagħna. Fejn tistgħu, agħtuna d-dati tal-grazzji, isem it-tobba (jekk hemm) u dak kollu li juri is-serjetà tal-każ.

4. Min irid jaf aktar fuq Ġuża u l-messaġġi tal-Madonna li hi wasslitilna ftakru li hemm seba' kotba li tistgħu tixtru minn fejn isiru l-laqgħat ta' talb, il-Girgenti.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 43 LULJU 2000 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni**

## IL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI ...

Kien proprju fil-laqgħa tal-Girgenti tal-5 ta' Awissu 1986 illi Ġuża Mifsud tat it-tagħrif li ġej dwar it-titolu Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ġuża qalet, "Hi [il-Madonna] qaltli, 'illi minn ċkuniti jiena kont ikkonsagrata, u dan it-titlu [Madonna tal-Konsagrazzjoni] ħadd ma tahuli mid-dinja imma għoġobni nniżilulek jiena, biex tgħidilhom inti bih dan it-titular u li dan it-titular qed jagħmel ħafna u ħafna grazzji fid-dinja ...' "

F'din l-istess dehra li seħħet xi ġimgħat wara li kien sar il-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Raħal Ġdid (il-Kungress sar fil-5 ta' Mejju 1949) il-Madonna kienet talbet lil Ġuża sabiex tagħmel xbieha tagħha skond kif kienet qegħda taraha. Qaltilha biex tieħu santa li kellha fil-ktieb tat-talb u fuqha tħalli dak kollu li kienet qegħda tara fil-viżjoni, tneħħi dak li ma kinitx qed tara u żżid dak li ma kienx hemm. Għalhekk l-uċuħ huma dawk tas-santa oriġinali. Skond Ġuża, kienet il-Madonna stess li qaltilha biex taħt ix-xbieha tikteb il-kliem "Madonna tal-Konsagrazzjoni".

# SILTIET MINN LAQGĦAT FIL-GIRGENTI

Fil-laqgħa ta' Lulju 1991 Ġuża qalet, "Waqt is-slaleb ma nintelqux, nafdaw fil-Mulej għax il-Mulej ħa jżurna, ħa jgħinna, ħa jużana, japprezzalna l-ħsieb qaddis tagħna, is-sentimenti ħelwin tagħna ... La l-Mulej jagħżilna ... irridu nagħmlu ħafna penitenzi għall-ħaddieħor, għal dawk li huma mingħajr Alla, għal dawk li huma 'l bogħod minn Alla biex Alla jiġbidhom b'kalamita. Il-kalamita x'inhi? It-talb, is-sagrifiċċju, il-penitenzi ...

In-nies tal-passat kienu jorqdu bir-rużarju u jqumu bl-imqaddsa ta' quddiesa. Kulħadd isellem lil xulxin, ġlied u mibgħeda ma' ħadd. Kulħadd jitlob lil Alla biex Alla jbierek lil Malta u lil art tagħhom u n-naqra li jgħixu biha. Illum le, illum saħħta, illum kulħadd flus, flus, *nadura* l-flus għax il-flus kollox ... Il-flus huma l-akbar ispirazzjoni li jista' bniedem jitlef ruħu bihom jekk ma jużahomx tajjeb, għax hawn min għandu l-flus u jużahom tajjeb. Imma hawn min għandu l-flus u aktar qegħdin jiddisprawh u jniżżluh 'l isfel. Is-Sinjura tal-Ħajja qaltli, 'Illum huwa ż-żmien li bħala alla n-nies tadura l-flus ... Id-dinja saret dinja tal-flus ... Din ir-rovina li hawn illum, minflok jaduraw lil Alla, ħafna nies jaduraw il-flus.' "

Waqt il-laqgħa ta' Awissu 1992, Ġuża qalet li f'kuntatt li kellha mas-Sinjura tal-Ħajja, din qaltilha, " 'Toqogħdu tinkwetaw xejn ... il-Knisja diġà fassalha l-Mulej. Il-Knisja diġà mfassla u la mfassla trid issir.' Jiġifieri nagħmlu kuraġġ kbir għax dan il-kliem ma qalux xi ħadd biex jgħaddina biċ-ċajt. Dan qalitu r-Reġina tas-sema u ta' l-art li qegħda tagħmel magħna ħwejjeġ u ħwejjeġ kbar."

Bħal f'diversi laqgħat oħra fil-laqgħa ta' Settembru 1988 Ġuża qalet, "Nitolbu lill-Mulej, nitolbu lil Ġesù ta' l-Ewkaristija, nitolbu lill-Ispirtu s-Santu Alla li qiegħed magħna. L-imħabba ta' l-Ispirtu s-Santu qegħda dejjem magħna, tindukarana u tgħinna u tatina dak kollu li għandna bżonn. Flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu għandu r-Reġina Ċelesti, ir-Reġina li ġiet inkurunata mit-Tliet persuni tas-Santissima Trinità, flimkien ma' San Ġużepp u flimkien mas-sema kollha għax aħna hawnhekk ġejna nagħtu tifħir lis-sema adorabbli t'Alla ..."

## L-IMĦALLEF PROFS. WALLACE PH. GULIA

Nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2000, tħabbret il-mewt ta' l-Imħallef Gulia li għal diversi snin għen lil Ġuża Mifsud tant li meta twaqqfet il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni fl-1987, huwa flimkien ma' l-istess Ġuża nħatru Presidenti Onorarji ta' dan il-Moviment. Għalhekk filwaqt li nitolbu l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem nwasslu l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.



# L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Fis-17 ta' Settembru 2000, fil-Girgenti, ser issir l-Assemblea Ġenerali biex taħtar Kumitat ġdid għas-snin 2000 sa 2003. Peress li l-votazzjoni tista' tieħu t-tul, il-laqgħa tibda fil-5.00 p.m. Jingħad ir-Rużarju u immedjatament wara nibdew bl-Aġenda ta' l-Assemblea: jinqraw il-Minuti ta' l-aħħar Assemblea, jinqara r-rapport tal-President dwar x'sar fit-tliet snin ta' qabel u jsir ukoll rapport finanzjarju. Wara l-Kumitat attwali jiġi xolt sabiex issir il-votazzjoni għall-Kumitat il-ġdid.

Il-Membri tesserati tal-Moviment huma mħeġġa li jattendu sabiex jitfgħu il-vot tagħhom.

Inħeġġu lil dawk li jistgħu jiddedikaw ftit mill-ħin tagħhom biex jintlaħaq l-iskop tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, biex joħorġu bħala Kandidati għall-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. Min hu interessat għandu jikkuntattja xi membru tal-Kumitat preżenti sabiex ikunu jistgħu jimtlew il-formoli ta' l-applikazzjoni neċessarji biex umbagħad jiġu approvati mill-Kumitat. L-applikazzjonjiet għandhom jaslu għand il-Kumitat mhux aktar tard mit-**3 ta' Settembru 2000**. Tistgħu tibgħatu l-applikazzjoni tagħkom lis-Segretarja Dr. S. Spiteri, bl-indirizz: 16, St. James Str., Siġġiewi jew tgħadduhom lil xi membru tal-Kumitat.

## IL-PELLEGRINAĠĠ U L-LAQGĦA TAS-7 TA' MEJJU 2000

Għalkemm taħt theddida ta' xita, il-laqgħa tas-7 ta' Mejju 2000 organizzata mill-Kumitat "Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni" kienet suċċess. Dak in-nhar kien jaħbat għeluq l-erbatax-il sena ta' meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti.

Il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ minn fuq it-Troll, li jiġi fit-tarf tat-triq il-qadima. Matul dan il-pellegrinaġġ, id-devoti tal-Madonna mxew wara l-bandalora u l-Kurċifiss u rreċitaw ir-rużarju tal-ferħ.

Meta l-ġemgħa waslet fil-post tal-laqgħa tal-Girgenti, bdiet tqattar ix-xita u ħafna ppruvaw jistkennu taħt it-tinda jew fil-kamra. Iżda wara ftit ix-xita waqfet u Phylisienne Brincat kantat l-innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Mons. Philip Calleja, li kien mistieden għal din il-laqgħa, indirizza lill-ġemgħa u sar aktar kant minn Phylisienne Brincat. Bħal kull sena intqalet il-viżita lill-Madonna li kienet ikkomponiet Ġuża stess u anke nstema' diskors qasir b'leħen Ġuża Mifsud, minn fuq *recorded tape*.

Ma naqsitx iċ-ċerimonja tal-qanpiena u t-talba lil San Ġużepp u San Mikiel fost diversi innijiet marjani. Il-laqgħa waslet fit-tmiem bit-talba tal-Konsagrazzjoni lill-Madonna, il-barka saċerdotali u l-kant tas-Salve Reġina bil-Latin.

Kienet laqgħa sabiħa ħafna li tixraq għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**1. It-Traġedja taċ-Ċirkewwa (27 ta' Jannar 2000)**

Philip Agius irrappurtalna grazzja kbira mill-Madonna tal-Girgenti u l-beatu Padre Pio. Biex wieħed jifhem aħjar kif Philip Agius kellu x'jaqsam ma' din il-grazzja, jeħtieġ ngħidu li bintu Marċella hija mart Joseph Busuttil li jiġi bin Emmanuel Busuttil li korra f'dik it-traġedja taċ-Ċirkewwa.

Kif ġie rrappurtat mill-gazzetti lokali, żewġ ħaddiema mietu fl-ispiera tad-drenaġġ, ieħor miet l-isptar, u Emmanuel Busuttil iddaħħal fl-I.T.U. għax kien f'*coma* u fil-periklu li jmut. Saħansitra kienu jaħsbu li jekk ifiq jibqa' bi ***Brain Damage***.

Mill-ewwel Philip Agius u tal-familja bdew jitolbu bil-ħerqa lill-Madonna tal-Girgenti u lil Beatu Padre Pio u għamlu wegħda li jekk Emmanuel ifiq, imorru jżuru l-Madonna, il-Girgenti.

Il-gazzetti tad-29 ta' Jannar irrappurtaw li (wara biss 24 siegħa mid-diżgrazzja) Em. Busuttil beda jitkellem u ma kienx f'periklu li jmut; mhux biss, iżda *Brain Damage* ma kellu xejn.

Philip Agius iffirma dan ir-rapport f'isem il-familjari u jheġġiġna nitolbu b'fiduċja sħiħa, għax żgur, jekk ikun minn Alla, naqilgħu il-grazzja li nixtiequ.

**2. Fejqan bl-Ilma tal-Madonna**

Mary Galea li toqgħod il-Mosta, irrappurtat li, għal tliet xhur sħaħ, kellha is-seba' l-kbir ta' idha l-leminija iffjammat. Għamlitlu mediċini biex forsi jfiq imma kollu għal xejn.

F'Marzu li għadda, ġieha f'rasha li tieħu ftit ilma tal-Madonna mill-Girgenti; u hekk għamlet. Id-dar tagħha xarrbet sebgħajha b'dak l-ilma u xi tlett ijiem wara li kien ilha ixxarrbu, sebgħajha fieq għal kollox.

Mary tqis dan il-fejqan bħala grazzja kbira; anzi hi ssemmi veru miraklu!

**3. Rapport ta' John Parnis li joqgħod B'Buġa**

Carmen, omm John, kienet imħassba dwar ponta li kellha f'sidirha. Dan kien f'Ottubru 1999. Din il-ponta kienet ilha tikber aktar minn sena.

Carmen qalet b'dan lil binha John li mill-ewwel induna li ma kinetx ponta imma bħal ħofra miġbuda, u wissa 'l ommu dwar is-serjetà tal-każ. Carmen marret ma' żewgħa l-*Polyclinic* ta' Paola. Hemm qalulha biex mill-ewwel tmur l-isptar għax kien każ urġenti ħafna.

Meta marret l-isptar, il-professur Felice qalilha li s-sider kellu jitneħħa b'urġenza. Carmen irriturnat id-dar u għarrfet b'kollox lil John li mar iġibilha ilma tal-Madonna tal-Girgenti biex hi tixorbu. B'fidi kbira fil-Madonna hi xorbitu. Sadattant, il-professur kien bagħat għall-aħwa William u Josephine Parnis u qalilhom li t-tumur kien laħaq infirex, u li ftit kien hemm tama!



Qabel ma marret għall-operazzjoni, John ta labtu tal-Madonna tal-Girgenti lil ommu, u waqt l-operazzjoni hu mar jitlob għaliha fil-kappella ta' l-isptar. Wara l-operazzjoni, it-tabib Felice qal lill-aħwa li kienu miġburin flimkien li ma sabx dak li kien immarkalu fl-ewwel żjara. Xi ħaġa kien ġara! ...

Wara ġimgħatejn Carmen marret id-dar imfejqa għalkemm it-tabib ordnalha r-raġġi, bi prudenza, għax ma setax jifhem kif kienet fieqet. Carmen, ta' tmenin sena, illum tgħix ħajja ħabrieka li tiskanta lill-familjari tagħha. John żamm mistur dak kollu li għamel għal ommu.

**4a Mary Grech minn Ħaż-Żabbar tirrapporta**

Nibda biex nirringrazzja 'l Alla għall-grazzja li qlajt fis-7 ta' Lulju 1992, bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

Ir-raġel tiegħi, Vincent, kellu uġigħ kbir f'qaddu. Mar għand it-tabib tal-familja Dr. Ch. Zarb, u dan qallu biex imur jieħu X-Ray għaliex ħaseb li għandu xi ħaġa serja.

Meta daħal għal X-Ray, dak il-ħin, tlabt lill-Madonna tal-Girgenti biex tikkunslana. Dak il-ħin sew, ħassejt min jgħidli: "Toqgħodx tinkwieta, għaliex ir-raġel m'għandu xejn serju". Hekk kif ħareġ mill-X-Ray, it-tabib urieh ir-riżultat tal-X-Ray u qallu: "Għandek sempliċement xi ġebel irqiq ħafna fil-kilwa", u ġiegħelu jixrob ħafna ilma biex jitneħħa waħdu. Lanqas kien hemm bżonn ta' operazzjoni. Ta' dan nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna.

**4b Vincent Grech kellu grazzja oħra; jirrapporta hu stess.**

It-Tnejn 11 ta' Settembru 1995, għal xi s-siegħa u tliet kwarti ta' wara nofs inhar, kont sejjer id-dar bil-karrozza tiegħi. Il-Marsa, kif qbist "Il-Madonna ta' l-Għar (jew tal-Bir)" tlift il-kontroll tal-karrozza u bqajt dieħel ġor-railing ta' mal-ħajt li jservi ta' support għat-triq ta' fuq. Mad-daqqa, il-karrozza daret u daħlet fil-ħajt tan-naħa l-oħra. Jien ma kontx qed insuq ħafna, però d-daqqa kienet kbira u l-karrożża ġarrbet ħsara kbira.

Jien, għad li sofrejt żewġ daqqiet, ma ġrali xejn gravi ħlief xi ferita żgħira f'ħalqi. Fil-karrozza kelli santa ta' Wiċċ Kristu, Verbum-Dei, Kuruna, u santa tal-Madonna tal-Girgenti.

Bil-grazzja t'Alla u tal-Madonna skansajt minn mewt ċerta, jew korriment serju, meta tqis il-ħsara immensa tal-karrozza; bilfors li temmen meta tqis li ma ġrali xejn serju. Ħaġ'oħra ta' min isemmi hi li mill-ewwel sibt ajjut u għajnuna; u, ħabib ħafna tiegħi immedjatament ħadni l-isptar. Minbarra dan, il-karrozza tiegħi (fejn jgħaddu ħafna karrozzi) ma daħlet fl-ebda waħda u lanqas daħlet karrozza fija. Din hi grazzja oħra.

It-Tnejn ta' wara kont diġà mort għax-xogħol.

Nirringrazzja 'l Madonna u nfaħħar 'l Alla.

**5. C.B. minn tas-Sliema tikteb kif ġej:**

Fid-19 ta' Marzu kont qegħda fil-kċina, u f'salt wieħed ma stajtx nissoffja, u ħassejtni bla nifs u lanqas stajt inxomm l-ikel. Tant inkwetajt li ħsibt biex immur l-isptar.

F'salt wieħed qbadt is-santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għamiltha ma' imnieħri u tlabt lil Ġuża Mifsud biex titlob lill-Madonna għalija. Ġie xi jgħidli: "agħmel ftit ilma tal-Madonna u hu n-nifs". Hekk għamilt. Wara xi għaxar minuti, ħadt in-nifs u ġejt normali.

Nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud.

**6. Marija Stella Spiteri minn Santa Luċia tikteb:**

Nirringrazzja 'l Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud; tlift brazzuletta għal qalbi u sibtha.

Bgħatt kontribuzzjoni b'ringrazzjament.

**7. Rapport ta' Catherine Camilleri minn B'Kara**

Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet ommi. Ommi kienet qegħda tbati minn uġigħ f'dahra b'konnessjoni mal-pulmun. It-tobba riedu jieħdulha X-Ray biex jaraw eżatt x'għandha. Jien tajtha labtu tal-Madonna tal-Girgenti.

Irriżulta li kellha biss infezzjoni u mhux xi ħaġa kbira, bħal ma ħsibna. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-Madonna li tatna l-grazzja li nistgħu ingawdu aktar lil omma.

Qed nibgħat kontribuzzjoni żgħira bħala ringrazzjament.

**8. Mrs. A. Gauci mill-Mosta, 30 ta' Jannar 2000**

Qed nibgħat kontribuzzjoni imħabba wegħda li għamilt lill-Madonna tal-Girgenti b'ringrazzjament ta' grazzja kbira li qalgħetli meta kont ma niflaħx hafna xi ftit ta' żmien ilu.

Nixtieq li din il-kontribuzzjoni tmur għall-fondi għall-bini tal-kappella dedikata lill-Madonna tal-Girgenti.

**9a. Minn ittra mibgħuta minn Carmen Chetcuti li toqgħod B'Buġa**

Imħabba n-nuqqas ta' spazju se nieħdu siltiet mill-ittra twila li Carmen bagħtet f'Jannar 2000.

Carmen tgħid li erba' snin ilu, dahrha beda juġagħha ħafna tant li kienet tistordi u ma kinetx tista' timxi.

Wara xi sentejn, marret għand it-tabib li qalilha biex tmur tieħu *X-Ray* għax aktarx ikollha ssir operazzjoni f'dahra.

Lejliet il-ġurnata meta kellha tmur għall-*X-Ray*, ġara li kienet ħalliet il-vit tal-*wash-room* miftuħ u meta reġgħet marret fil-kamra sabitha kollha ilma. Qabdet tiknes l-ilma mingħajr ma lmentat imħabba dahra; anzi, għal kull daqqa ta' xkupa bdiet tfaħħar 'l Alla. Meta niżlet isfel, dahra ma felħitux. Qabel ma mteddet biex tistrieħ għamlet l-ilma tal-Madonna u l-labtu ma' dahra; u halliet kollox f'idejn il-Mulej u qalet tliet Ave Maria.

L-*X-Ray* marret tieħdu għalkemm kienet konvinta li t-tabib ma kien se jsib xejn; u fil-fatt ma sab xejn. Għalkemm issa, sentejn wara, għadha toqgħod attenta, tħossha hafna, hafna tajba.



Għalhekk tirringrazzja lil Ommna Marija Santissima, ta' kull ma qed tagħmel magħha.

**9b. Carmen issemmi każ ieħor tagħha**

Għal sitt snin shaħ, kellha f'minkbejha bħal infafet jew ħżież. Darba waħda, għal habta ta' Novembru 1999, marret quddiem l-istatwa tal-Madonna, misset dirgħajha ma' l-istatwa u talbitha biex tfejjaqha. Xi ġimgħa wara Carmen indunat li l-infafet kienu marru għal kollox, tant li l-familjari tagħha baqgħu mistgħaġbin u saqsewha biex neħħiethom u hi qaltilhom li l-Madonna kienet fejqitha.

**9c. Konverżjoni ta' persuna familjari tagħha**

Carmen darba ħadet lil din il-persuna, li kienet ilha ma tqerr xi tletin sena, magħha tgħid ir-rużarju quddiem l-istatwa tal-Madonna u din il-persuna baqgħet sallum tisma' l-quddies, tqerr u titqarben.

Carmen ittemm l-ittra tagħha billi tħeġġeġ lil kulhadd biex iħobbu aktar 'l Madonna u jgħidu r-rużarju li għandu qawwa kbira.

**10. C.Z. minn Tarxien**

Carmen tgħid li belgħet biċċa għadma żgħira tal-laħam u bdiet iddaħħal subgħajha f'ħalqa biex tipprova taqlagħha u ma rnexxietx.

Marret il-*polyclinic* u minn hemm bagħtuha l-isptar. Marret hemm filgħaxija u damet hemm sal-11 ta' bil-lejl. L-għada filgħodu reġgħet marret u qalulha li għamlet ġerħa fi griżmejha meta daħlet subgħajha. Qalulha li m'għandha xejn. Imma hi bdiet tħossha u reġgħet ħassitha jumejn wara. Dakinhar, qabel ma raqdet, ħadet santa fejn kien hemm il-Madonna min-naħa u Ġuża Mifsud in-naħa l-oħra, u għamlitha ma' għonqha. Talbithom biex l-isptar jirnexxilhom ineħħuhielha. Meta qamet, l-għada filgħodu, l-għadma ma ħassithiex aktar.

Grazzi lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud.

**11. Tessie Buhagiar miż-Żejtun tirraporta**

Ommi Mikelina kellha sogħla kbira li kienet illha biha sena u xahar. Din is-sogħla lanqas kienet tħalliha torqod bil-lejl. It-tabib kien qal li l-mistura li kien taha kien aktar biex iserħilha l-moħħ milli biex ifejjaqha, għax dan kien kważi impossibbli peress li din kienet sogħla tal-qalb.

Ommi kienet tisgħol lejl u nhar u għalhekk kienet selħet griżmejha. Darba waħda jiena tajtha ftit ilma tal-Madonna tal-Girgenti u għedtilha biex tilob lill-Madonna u lil Ġuża. Ommi xorbitu u dak il-lejl raqdet il-lejl kollu u s-sogħla marritilha għal kollox. Minn dakinhar sallum għaddew xi sena u nofs u s-sogħla qatt iżjed ma qabditha.

Għalhekk nirringrazzja minn qalbi lill-Madonna, u lil Ġuża talli talbet għaliha mal-Madonna.